MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2015

Rikors Numru. 307/2014

**AB**

**-vs-**

**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremetta :

Illi l-partijiet izzewgu fis-sitta u ghoxrin (26) ta’ Marzu tas-sena elf, disa’ mija tlieta u disghin (1993) u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg taghhom numru tnejn, sebgha, disgha (279) hawn anness u mmarkat bhala Dok CS 1;

Illi l-partijiet xoljew u llikwidaw il-komunjoni tal-akkwisti bejniethom u effettwaw is-separazzjoni personali permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni personali ppubblikat in atti tan-Nutar Dottor John Debono fl-ghaxra (10) ta’ Gunju tas-sena elfejn u disgha (2009) hawn anness u mmarkat bhala Dok CS2;

Illi frott ta’ dan iz-zwieg twieled tifel wiehed u cioe’ Neil Gillard illi llum il-gurnata ghandu tmintax (18) il-sena u ghalhekk huwa maggorenni;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal aktar minn erba’ (4) snin;

Illi r-rikorrent jiddikjara li l-ebda manteniment m’hu dovut u allura ma hemmx l-ebda pretensjonijiet reciproci dwar manteniment;

Illi m’hemm l-ebda prospett regonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi llum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta’ divorzju skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta li giet ikkonfermata bil-gurament mill-intimata, li permezz taghha eccepiet :

1. Illi hija ssib oggezzjoni biex iz-zwieg taghha mar-rikorrenti jigi mahlul skont kif inhu mahsub fl-Artikolu 66A tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, **stante** illi a tenur ta' l-Artikolu 66B(c) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-wild taghhom Neil Gillard li llum ghandu dsatax-il sena u li qieghed jippartecipa f'edukazzjoni, tahrig u taghlim *full-time* u ghandu inqas minn tlieta u ghoxrin sena, ghandha tibqa tircievi manteniment adegwat ghalih kif inhu mahsub fl-Artikolu 3(B) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XIV ta' l-2011;
2. Illi l-Qorti ghandha tassigura illi l-kundizzjonijiet mahsuba fl-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta ghal manteniment tal-binhom NB li llum ghandu dsatax-il sena, ghandhom jibqghu jigi mhallsa mill-missier sakemm dan jaghlaq 23 sena ossia u dan sakemm huwa jispicca l-istudji terzjarji tieghu u dan il-manteniment jibqa' sodisfatti u dan a tenur tal-ligi;
3. Illi l-missier waqaf ihallas il-manteniment ta' ibnu fil-31 ta' Awissu 2013 wara li dan ghalaq it-tmintax-il sena, minkejja li dan l-iben ghadu 'edukazzjoni terzjarja full-time;
4. Illi r-rikorrenti waqaf ihallas dan il-manteniment minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 3B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XIV ta' l-2011, liema disposizzjonijiet huma ta' ordni pubbliku u ghalhekk l-obbligi tieghu m'humiex naxxenti mill-kuntratt ta' separazzjoni biss imma wkoll minn dak li jiddisponi l-Ligi u mid-drittijiet tal-iben;
5. Illi l-Qorti ghandha jekk tilqa t-talba ghad-divorzju a tenut ta' l-Artikoklu 66 I (3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna illi l-hlas tal-manteniment mir-rikorrenti jigi zgurat b'garanzija xierqa u ragonevoli skont ic-cirkostanzi, liema garanzija ghandha tkun f'ammont li ma jeccedix manteniment ghal hames snin;
6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ Awissu, 2014;

Rat illi l-intimata pprezentat risposta guramentata illi permezz taghha ma oggezzjonatx ghat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur, izda talbet illi l-Qorti tordna il-hlas tal-manteniment mir-rikorrenti ghall-iben il-partijiet illi skont l-intimata qieghed jistudja fuq bazi part time.

Rat id-dokument illi gie ipprezentat mir-rikorrenti waqt is-seduta tallum illi juri illi skont l-ETC iben il-partijiet Neil Gillard jahdem full time bhala apprentice.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta’ Gunju tas-sena 2009;

Illi ir-rikorrenti ipprova illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-

Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------